# L-Uffiċċju tal-Posta fl-Imġarr, Għawdex

## Joseph Caruana

Fost il-ħafna delizzji li nsibu, żgur li l-filaterija jiġifieri d-delizziju tal-ġbir tal-bolli tal-posta għall-kollezzjoni hu fost l-isbaħ passatempi li wieħed jista' jkollu. Il-filaterija hija namra ferm interessanti u edukattiva u għalhekk hija popolari ħafna. Mill-filaterija wieħed jitgħallem kważi fuq kull suġġett bħal sports, ornitoloġija, storja, botanika, arkitettura, personaġġi magħrufa eċċ. Huwa passatemp li jġagħlek tagħmel ħbieb ġodda billi dejjem tfittex ma' min ser tpartat il-bolli u taqsam tagħrif ieħor relatat. Fi tfuliti dan id-delizzju kien popolari ħafna u fl-iskola konna niġu mħeġġa biex nibdew kollezzjoni. Nifakar li fost dawk li kienu jħeġġuna ħafna kien hemm is-sur Carmel Rapa u s-sur Emmanuel Xuereb. Min jaf kemm partatna bolli bejnietna u kemm konna nibgħatu nġibu settijiet ta' bolli minn Malta. Ta' min jgħid li l-filaterija twieldet mill-posta u għalhekk ħassejt li għandi nikteb xi ħaga dwar l-istorja tal-posta f'pajjiżna b'mod partikolari fir-raħal tagħna.

Is-servizz tal-posta f'Malta, għalkemm differenti ħafna minn kif inhu llum imur lura ħafna żmien. Ftit wara li l-kavallieri marru fil-belt Valletta, f'Ġunju tal-1571 waqqfu servizz postali jew servizz ta' kurrier biex ikollhom komunikazzjoni ma' pajjiżi barranin. Fl-1612 il-Gran Mastru Alof De Wignacourt waqqaf kanċellerija taħt it-tmexxija ta' Viċi Kanċillier biex il-korrispondenza kollha tgħaddi minnha. Il-posta kienet tintbgħat b'dgħajsa li kienet tissejjaħ *Speronara Del Dispaccio*. Il-biċċa l-kbira tal-posta kienet tkun l-aktar korrispondenza tal-Granmastru u l-kavallieri. Ftit kienet minn xi negozjanti privati. Fis-seklu XVIII il-Gran Mastru De Rohan (1755 – 1797) għamel riformi fis-servizz pubbliku fosthom waqqaf servizz tal-posta *Officini della posta* li kien jitmexxa bl-appoġġ u taħt il-protezzjoni tat-teżor *Il Comun Tesor*. Il-Kap tal-Uffiċċju tal-posta kien jissejjaħ *Il commissario della* Posta u dejjem kien ikun kavallier ipprofessat. Lejn tmiem is- seklu XVIII 1797 l-ordni ħatar lil Malti Domenico Montanaro bħala responsabbli mill-uffiċċju tal-posta. Is-sena 1798 rat it-tmiem tal-ordni imma nistgħu ngħidu li warajhom ħallew servizz tal-posta organizzat. Fl-1802, Gian Antonio Micallef ġie maħtur bħala skrivan anzjan. Fl-1802, Gian Antonio Micallef irreżenja u f'inqas minn sena Domenico Montanaro ġie maħtur bħala Direttore Della Posta.



Sa Mill-1853 l-ittri kienu jitwasslu bla ħlas fl-għasess tal-puluzija fl-irħula fejn kienu jitpoġġew f'kaxxi tal-ħġieġ u min ikollu xi ittra kien jiġborha minn hemm. Dan l-użu għall-posta interna bla ħlas baqa' sal-ewwel ta' Diċembru 1860. Fl-1857 ġew introdotti bolli Ingliżi għall-posta li tkun indirizzata għal barra minn Malta u damu jintużaw sal-1884. Fl-1860 ġiet introdotta l-bolla tas-sitt ħabbiet għall-posta lokali. Billi ma kienx hemm bolla Ingliża ta' din id-denominazzjoni, ġie deċiż li toħroġ l-ewwel bolla Maltija. Hekk fl-1860 ħarġet l-ewwel bolla Maltija, il-famuża bolla tas-sitt ħabbiet, safra b'wiċċ ir-Reġina Victoria. Bdiet tintuża għall-Posta interna. Din il-Bolla damet tintuża sal- 1885. Fl-1 ta' Jannar 1885 ħareġ sett ta' sitt bolli għall-użu kemm lokali kif ukoll għal barra. Fl-istess sena jiġifieri fl-1885 ġie maħtur Postmaster għall-gżejjer Maltin.

F'dak li hu tqassim tal-posta, is-servizz kien għadu limitat

ħafna. Kien hemm biss l-uffiċċju Ġenerali tal-posta fil-belt Valletta biss. Għalhekk fl-1885 infetħu l-ewwel uffiċini (branch office) barra il-belt Valetta. Hekk f'din is-sena nfetaħ uffiċċju r-Rabat (Rabata) u ieħor fl-Imġarr (Migiarro) f' Għawdex. Wara dawn fl-1890 nfetaħ uffiċċju f'Bormla (Cospicua). Tas-Sliema fetaħ fl-1895 u l-Imdina Notabile fl-1897. Dan jurina li l-uffiċċju tal-posta tal-Imġarr kien wieħed minn tal-ewwel li nfetħu barra l-Belt Valletta. Uffiċjalment, il-fond ta' fejn kien dan l-ewwel uffiċċju tal-posta fl-Imġarr ma nafx eżatt fejn kien. Imma ġieli smajt xi xjuħ igħidu li kien f'dik ir-remissa tal-Borqom u li llum hi l-Horatio Tavern.

Il-pustier kien jissejjaħ *letter courier*, wara beda jissejjaħ *runner* u mbagħad postman. Kien hemm ukoll Sub-Postmaster. Is-surgent tal-Marine Police fl-Imġarr huwa l-persuna li tagħmilha ta' postmaster b'remunerazzjoni ta' £24 fis-sena. Huwa anki inkarigat mid-dwana. Aktar tard dan il-post ta' Postmaster ma baqax iktar f'idejn is-surgent tal-Marine Police iżda ġie maħtur uffiċjal apposta magħruf bħala Customs Officer and Postmaster. Id-distrett tal-posta tal-Imġarr kien jinkludi Għajnsielem, Qala, Nadur u x-Xewkija. Minħabba n-nuqqas ta' xogħol dan l-uffiċċju tal-posta għalaq f'Ottubru 1933. Fis-26 ta' Novembru 1957 reġà ġie miftuħ mill-ġdid f'dar fi triq Sant' Antnin. Dan il-fond illum m'għadux hemm għax twaqqa' u sar parti mill-*Grand Hotel*. Dan l-uffiċċju dam jiffunzjona minn dan il-post sal-1989 meta ġie trasferit f'parti mill-iskola ta' Għajnsielem fi triq Chambrai fejn għadu sallum. Għal xi żmien kien hemm ukoll uffiċċju żgħir (counter) f' post fis-shopping Archades fl-Imġarr.

Safejn naf jien f'Għajnsielem u l-Imġarr kien hawn tliet kaxxi tal-ittri. Waħda taħt il-ħajt tal-għassa tal-pulizija fi Triq Simirat, waħda mal-ħajt tal-għassa tal-Imġarr fi Triq ix-Xatt u oħra mal-ħajt tal-uffiċċju tal-posta fi triq Sant' Antnin. Dawn kienu kaxxi tal-ħadid fondut u ta' saħħa. Fuq ix-xaqq minn fejn titfa' l-ittra kien ikollhom għamla ta' pizz. Taħt l-apertura ta' mnejn titfa' l-ittra kien hemm il-bieba li minnha l-pustier jiġbor l-ittri. Fuq din il-bieba kien hemm speċi ta' tabella żgħira li tindika l-ħinijiet li fihom jinġabru l-ittri. Fuq il-faċċata tal-istess bieba, kien ikun hemm speċi f'għamla ta' Basso reliev il-kuruna rjali u l-ittri G.R. jew E.R. li jindikaw ir-renjat ta' dak iż-żmien. Kien ikun hemm miktub ukoll il-kelmiet Post Office. Dawn il-kaxxi li semmejna kienu jitwaħħlu ġol-ħajt u jiġu ċatti mal-istess ħajt. Kien hemm ukoll kaxxi oħrajn differenti. Dawn kienu ċ-ċilindrika 'pillar Box' imma bl-istess karatteristiċi tal-oħrajn biss dawn kienu jitwaħħlu wieqfa fuq il-bankina. Dawn il-kaxxi kienu miżbugħa ħomor, li kien il-kulur uffiċjali tal-posta. Dawn għalkemm sempliċi kaxxi kellhom ċertu karattru ta' serjetà mhux bħal tallum qishom kaxxi tal-landa bla sura u lixxi għal kollox.

Anke l-uniformi tal-pustier kienet ferm differenti minn tallum. Dik tax-xitwa kienet ta' kulur iswed. Kienet tikkonsisti f'qalziet twil iswed bi strixxa rqieqa ħamra matul il-qliezi u għamla ta' ġakketta sewda wkoll li kienet tinqafel mill-għonq u kellha l-buttuni tar-ram. Beritta sewda qisha bħal tal-pulizija tallum u żarbun iswed. Dik tas-sajf kienet tal-Khaki. Fix-xitwa meta kienet tkun ix-xita kienu jilbsu għamla ta' kappa bħala protezzjoni. Biex iġorr l-ittri l-pustier kien ikollu barżakka tal-kanvas ta' kulur kannella ċar li kien iġorr imdendla ma' spalltu. Bħala trasport kien juża r-rota (bicycle) u aktar riċenti ġie ntrodott il-mutur (motorcycle) li wkoll kien ta' kulur aħmar. Kont nisma' lil missieri jgħid li meta kien għadu tfal, kien hawn pustier f'Għajnsielem jismu Ċikku Buttiġieġ li mbagħad il-familja tiegħu ħadet il-laqam tal-ittri. Billi f'dak iż-żmien ir-rota kienet għadha noveltà f'raħalna, in-nies meta kienu jaraw lil Ċikku għaddej fuq ir-rota jibbilanċja fuq żewġ roti rqaq bla ma jaqa' kienu jgħidu li hu tas-setta. Għandi nifhem li dan Ċikku Buttiġieġ kien wieħed minn tal-bidu fis-servizz tal- posta f' Għawdex. Warajh imbgħad kien hawn Pawlu Zerafa u Girgor Attard.

Minkejja li l-mezzi tat-trasport kienu għadhom mhux spissi u ħfief bħal tallum, il-pustier dejjem wassal l-ittri li kien ikollu xi jqassam fil-ħin. Xemx u xita, riħ u bnazzi kont tara lill-pustier ġej iqandel il-barżakka tqila mimlija ittri biex jeħles iqassamhom. Billi dari ħafna ma kinux jafu jaqraw, ġieli kienu jgħidu lill-pustier jaqralhom l-ittra hu. Dan hu kien jagħmlu bil-qalb u kien iħossu xi ftit imbarazzat meta l-ittra kienet tkun xi aħbar ħażina, l-aktar fi żmien il-gwerra. Jien niftakar ukoll il-posta kienet titqassam darbtejn kuljum. Kultant fix-xitwa meta l-vapur ma kienx jaħdem minħabba l-maltemp, il-posta jekk ikun possibbli kienet tinġieb bil-cutter. Jekk lanqas dan ma kien jaqsam il-fliegu kienet tinġieb wara xi ġurnata jew tnejn meta jerġa' jaħdem il-vapur. Meta kien jaħbat hekk il-pustier kien ikollu aktar ittri xi jqassam għax kienu jinġemgħulu ġmielhom.

Dari kull informazzjoni, messaġġ u kull għamla ta' korrispondenza kienet tintbgħat bil-posta. Illum ħafna minn dan ix-xogħol isir permezz tat-telephone jew mezzi elettroniċi oħra moderni. Minkejja dan kollu, ix-xogħol tal-pustier xorta jibqa' importanti u siewi. Ngħid għalija dik li tirċievi ittra miktuba bil-pinna mingħand xi ħabib, tiftaħha u toqgħod taqraha bil-kwiet ittini ċertu gost li ma nsibux fil-mezzi moderni. Inħoss li hu dnub li llum kulħadd jikteb bit-typewriter jew bil-kompjuter u l-kitba bil-pinna u l-kaligrafija personali tal-individwu qed tintilef jekk mhux ġa intilfet.

Biex bħal donnu tibqa' r-rabta mal-ftuħ bikri tal-uffiċċju tal-posta fl-Imġarr fis-seklu XIX illum fir-raħal tagħna għad għandna l-istess uffiċċju, imma issa qiegħed fir-raħal flok fl-Imġarr u baqa' wkoll il-laqam tal-ittri.

***Referenzi:***

*Heritage;*
*The Philatetic Society (Malta) Magazine;*
*Pajjiżi taħt l-Ingliżi –Anton Gauci;*
*Information By Malta Post Plc;*
*The Sunday Times of Malta Feb 17 1991.;*